

Brussell, 25 ta' Marzu 2026
(OR. en, es, fr)

7034/1/26
REV 1
PV CONS 13
JAI 299
COMIX 64
PARLNAT

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Ġustizzja u Affarijiet Interni)
5 u 6 ta' Marzu 2026

AFFARIJIET INTERNI

1. **Adozzjoni tal-aġenda** 6670/26


Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 6670/26.

2. **Approvazzjoni tal-punti "A"**
a) **Lista mhux leġiżlattiva** 6671/26

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

- b) **Lista leġiżlattiva (Deliberazzjoni pubblika** 6673/26
f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-
Unjoni Ewropea)


Affarijiet Barranin

1. **Regolament dwar is-salvagwardja bilaterali - Mercosur**  6466/26 + ADD 1 +
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv ADD 2 REV 1
approvat mill-Coreper, Parti 2, fil-25.2.2026 PE-CONS 56/25
POLCOM


Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bl-Ungerija tivvota kontra u l-Belġju u l-Awstrija jastjenu (bażi legali: l-Artikolu 207(2) TFUE).

Id-dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni, mil-Latvija u mill-Ungerija jinsabu fl-Anness.


Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

2. **Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek (BRRD)**  6476/26
Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad- 15445/25 + ADD 1
dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill EF
approvat mill-Coreper, Parti 2, fil-25.2.2026

Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, f'konformità mal-Artikolu 294(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill, filwaqt li l-Estonja astjeniet (bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE).


3. **Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti (DGSD)**  6477/26
Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
15484/25 + ADD 1
EF
approvat mill-Coreper, Parti 2, fil-25.2.2026

Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, f'konformità mal-Artikolu 294(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill, filwaqt li l-Estonja astjeniet (bażi legali: l-Artikolu(1) TFUE).

4. **Regolament dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRMR)**  6475/26
Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
15389/25 + ADD 1
EF
approvat mill-Coreper, Parti 2, fil-25.2.2026


Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, f'konformità mal-Artikolu 294(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill, filwaqt li l-Estonja astjeniet (bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE).

Agrikoltura

5. **Regolament dwar l-infurzar transfruntier tar-regoli kontra prattiki kummerċjali inġusti (UTPs)**  6389/26
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
PE-CONS 57/25
AGRI
approvat mill-Coreper, Parti 1, fil-25.2.2026

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 43(2) TFUE).

Ambjent

6. **Emenda fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima**  6256/26 + ADD 1
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
REV 1
PE-CONS 5/26
CLIMA
approvat mill-Coreper, Parti 1, fil-25.2.2026

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, il-Polonja u s-Slovakkja jivvutaw kontra u l-Belġju jastjeni (bażi legali: l-Artikolu 192(1) TFUE).

Id-dikjarazzjonijiet minn Franza, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, il-Finlandja u l-Kummissjoni jinsabu fl-Anness.

GOVERNANZA POLITIKA TAŻ-ŻONA SCHENGEN ("KUNSILL TA' SCHENGEN")

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. Is-sitwazzjoni ġenerali taż-żona Schengen
 - a) Barometru ta' Schengen 6206/26
 - b) Implimentazzjoni tal-prijoritajiet taċ-ċiklu tal-Kunsill ta' Schengen: l-inċentivar tar-ritorni volontarji
Skambju ta' fehmiet 6471/26
4. Implimentazzjoni tal-interoperabbiltà: pjan direzzjonali rivedut għal wara l-2026
Approvazzjoni 6446/26

KWISTJONIJIET OĦRA MARBUTA MAL-AFFARIJIET INTERNI

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

5. Affarijiet oħra
 - a) **Proposti leġiżlattivi attwali** 6312/26
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali ta' proposti leġiżlattivi differenti fil-qasam tal-Affarijiet Interni.


Attivitajiet mhux leġiżlattivi

6. Id-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni^{1 2}
Skambju ta' fehmiet 6273/26
7. Implimentazzjoni tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil^{1 3}
Sitwazzjoni attwali 6938/26

¹ Fil-preżenza tal-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen.

² Fil-preżenza tal-aġenziji Ewropej EUAA u Frontex.

³ Fil-preżenza tal-aġenziji Ewropej EUAA, eu-LISA u Frontex.

- | | | |
|-----|--|---|
| 8. | Konklużjonijiet dwar il-Qafas Strateġiku tal-UE dwar id-Drogi
<i>Approvazzjoni</i> | 6433/26 |
| 9. | Il-futur tal-Europol
<i>Skambju ta' fehmiet</i> | 6276/26 |
| 10. | L-impatt tal-ambjent ġeopolitiku attwali fuq is-sigurtà interna tal-UE - is-sitwazzjoni fis-Sirja ^{1 4 *}
<i>Skambju ta' fehmiet</i> |  6295/1/26 REV 1 |
| 11. | Affarijiet oħra | |
| a) | Is-sitwazzjoni fl-Ukrajna relatata mal-istatus ta' protezzjoni temporanja
<i>Informazzjoni mill-Kummissjoni</i> | 6309/26 |
| b) | Aġenda tal-UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti
<i>Informazzjoni mill-Kummissjoni</i> | 6531/26
6763/26 |

IL-ĠIMGĦA, 6 TA' MARZU 2026

ĠUSTIZZJA

Deliberazzjonijiet leġislattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

- | | | |
|-----|---|--|
| 12. | Regolament dwar il-protezzjoni tal-adulti
<i>Approċċ ġenerali</i> |   6236/26 + COR 1 +
ADD 1-3 |
|-----|---|--|

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar il-proposta għal Regolament dwar il-protezzjoni tal-adulti.

Id-dikjarazzjonijiet mir-Repubblika Ċeka u Spanja, u d-dikjarazzjoni konġunta minn Malta u l-Portugall jinsabu fl-Anness.

13. Affarijiet oħra

- | | | |
|----|--|---------|
| a) | Proposti leġislattivi attwali
<i>Informazzjoni mill-Presidenza</i> | 6312/26 |
|----|--|---------|

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali ta' proposti leġislattivi differenti fil-qasam tal-ġustizzja.

⁴ Fil-preżenza tal-aġenziji Ewropej Europol u Frontex.

* Preżentazzjoni minn INTCEN tal-UE, ikklassifikata RESTREINT UE/EU RESTRICTED.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

- | | | |
|-----|---|-----------------|
| 14. | Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna: il-ġlieda kontra l-impunità ⁵
<i>Sitwazzjoni attwali</i> | 6130/26 |
| 15. | L-indipendenza tal-avukati fl-Ewropa: ir-rwol tal-UE u l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa ⁶
<i>Skambju ta' fehmiet</i> | 6414/26 |
| 16. | Konklużjonijiet dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE 2026
<i>Approvazzjoni</i>
<i>Skambju ta' fehmiet</i> ⁶ | 6422/26 + ADD 1 |
| 17. | Affarijiet oħra | |
| a) | Inizjattiva dwar Jum l-Indipendenza Ġudizzjarja
<i>Informazzjoni mill-Polonja</i> | 6220/26 |
| b) | Reviżjoni tar-Regolament dwar il-Eurojust
<i>Informazzjoni mill-Kummissjoni</i> | 6374/26 |
| c) | Appoġġ għall-indipendenza tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) u l-istat tad-dritt ⁷
<i>Informazzjoni minn Franza u s-Slovenja</i> | 6761/26 |



L-ewwel qari



Punt ristrett



Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

⁵ Fil-preżenza tal-aġenzija Ewropea Eurojust.

⁶ Fil-preżenza tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA).

⁷ Fil-preżenza ta' żewġ imħallfin tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI).

Dikjarazzjonijiet għall-punt leġislattiv "B" li jinsab fid-dokument 6670/26

Dwar il-punt "B" **Regolament dwar il-protezzjoni tal-adulti**
nru 12: *Approċċ ġenerali*

DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA ĊEKA

Ir-Repubblika Ċeka tappoġġa l-oġettivi tal-proposta għal Regolament dwar il-Protezzjoni tal-Adulti kif ukoll it-test tal-approċċ ġenerali. Madankollu, inqisu li t-test ta' kompromess finali kellu jkun aktar ambizzjuż sabiex jirrifletti aħjar l-isfidi u l-iżviluppi attwali fil-kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera, b'mod partikolari fejn jidħlu l-modernizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u t-tisħiħ tal-kompetittività.

F'dan il-kuntest, ir-Repubblika Ċeka jiddispjaċiha l-aktar għat-tħassir tal-Kapitolu VIII dwar l-istabbiliment u l-interkonnessjoni ta' reġistri ta' protezzjoni. Inqisu li dan il-kapitolu huwa għalkollox konsistenti mal-oġettivi msemmija hawn fuq u għodda importanti biex titjeb l-effiċjenza u tissaħħaħ il-protezzjoni transfruntiera tal-adulti.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MINN MALTA U L-PORTUGALL

Malta u l-Portugall itennu l-appoġġ tagħhom għall-proposta u l-oġettivi tagħha, b'mod partikolari t-tisħiħ tal-awtonomija ta' persuni f'sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà. Madankollu, kienu jippreferu test ta' kompromess aktar ambizzjuż li jqis bis-sħiħ l-iżviluppi li saru minn meta daħlet fis-seħħ il-Konvenzjoni ta' The Hague tas-sena 2000, b'mod partikolari b'rabta mar-reġimi tat-teħid ta' deċiżjonijiet appoġġat.

F'dan il-kuntest, Malta u l-Portugall kienu jilqgħu tajjeb distinzjoni aktar ċara u aktar espliċita bejn ir-rappreżentanza, il-protezzjoni u l-appoġġ fil-parti operattiva tat-test, flimkien ma' referenza għall-esplorazzjoni ta' miżuri oħra bbażati fil-komunità qabel ma jitqiesu kollokamenti istituzzjonali.

DIKJARAZZJONI MINN SPANJA

Spanja għandha l-istess objettiv tal-proposta għal Regolament, jiġifieri li jittejjeb it-trattament f'każijiet transfruntieri li jinvolvu lil adulti b'indeboliment jew insuffiċjenza tal-kapaċitajiet personali tagħhom.

Madankollu **ma nistgħux nappoġġaw l-approċċ ġenerali**. Jiddispijacija li t-test mhuwiex ambizzjuż biżżejjed, u huwa opportunità mitlufa biex jittejjeb id-dritt ta' awtonomija għall-adulti f'dawn is-sitwazzjonijiet.

L-ewwel nett ma jqisx biżżejjed il-prinċipji li jinsabu fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-2006 dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità. Ir-rispett għall-awtonomija ta' dawn l-individwi, għax-xewqat tagħhom, u t-tixrid tal-miżuri ta' appoġġ mhumiex indirizzati biżżejjed fit-test.

It-tieni, ir-regolazzjoni tad-detenzjoni tal-adulti tqajjem kwistjonijiet li ser jagħmlu diffiċli l-implimentazzjoni u l-interpretazzjoni tagħha fil-marġini taċ-ċertezza legali. L-istess japplika għall-qsim ippjanat tal-kostijiet f'każijiet transfruntieri. Dan għandu impatt partikolari fuq pajjiżi li jirċievu għadd kbir ta' adulti, bħal Spanja.

Dikjarazzjonijiet għall-punti leġiżlattivi "A" li jinsabu fid-dok. 6673/26

Dwar il-punt "A" **Regolament dwar is-salvagwardja bilaterali - Mercosur**
nru 1: *Adozzjoni tal-att leġiżlattivi*

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

Fil-Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel, il-Kummissjoni ħabbret il-pjanijiet tagħha li ssegwi allinjament aktar b'saħħtu tal-istandards tal-produzzjoni applikati għall-prodotti importati, b'mod partikolari dwar il-benesseri tal-annimali u l-pestiċidi.

Dwar il-pestiċidi, il-Viżjoni tinkludi l-prinċipju li l-aktar pestiċidi perikolużi pprojbiti fl-UE għal raġunijiet ambjentali u ta' saħħa ma għandhomx jitħallew lura fl-UE permezz ta' prodotti importati u b'hekk għandha l-għan li tevita żvantaġġ kompetittiv għall-bdiewa tal-UE u għas-settur agroalimentari filwaqt li twieġeb għall-aspettattivi tal-konsumaturi. Fil-25 ta' Novembru 2025, biex tmexxi dan 'il quddiem, il-Kummissjoni nediet studju biex tħejji valutazzjoni tal-impatt li se tqis l-impatti ta' dan l-approċċ. Fid-dawl tar-riżultati, u, jekk xieraq, il-Kummissjoni tipproponi emendi għall-qafas legali applikabbli. L-istudju preliminari huwa mistenni li jiġi konkluż sas-sajf tal-2026, u jsegwu l-passi li jmiss tal-valutazzjoni tal-impatt. Filwaqt li l-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE diġà tippoteġi lill-konsumaturi u tiżgura li l-ikel kollu li jitqiegħed fis-suq jissodisfa l-istandards għoljin tagħna tas-saħħa u s-sikurezza, il-Kummissjoni tibqa' impenjata li ssegwi allinjament aktar mill-qrib tal-istandards tal-produzzjoni li japplikaw għall-prodotti importati, filwaqt li tiżgura kundizzjonijiet ekwi għall-bdiewa u l-produtturi tagħna u żżomm il-protezzjoni tal-konsumatur.

Sadanittant, skont il-proposta tal-Pakkett dwar is-Simplifikazzjoni tal-Ikel u s-Sikurezza tas-16 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni pproponiet li temenda l-leġiżlazzjoni attwali biex tipprevedi li, għal sustanzi li mhumiex approvati fl-Unjoni u li għandhom ċerti proprjetajiet partikolarment perikolużi, il-Livelli Massimi ta' Residwi (MRLs, Maximum Residue Levels) jistgħu jiġu stabbiliti fil-livell ta' zero jekk jitqies xieraq wara l-eżitu ta' valutazzjoni tal-impatt.

Fis-17 ta' Diċembru 2025, dwar il-benesseri tal-annimali, il-Kummissjoni kkonkludiet konsultazzjoni pubblika dwar ir-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-benesseri tal-annimali fl-azjendi agrikoli għal ċerti annimali, inkluż dwar jekk u sa liema punt għandhom japplikaw standards ekwivalenti tal-benesseri tal-annimali għall-importazzjonijiet ta' annimali u prodotti tal-annimali. Wara l-valutazzjoni tal-impatt, il-Kummissjoni tipproċedi bil-proposti rilevanti.

Fid-9 ta' Diċembru 2025, rigward il-kontrolli tal-importazzjoni, il-Kummissjoni ħabbret pjanijiet biex iżżid u ttejjeb l-awditi mwettqa direttament fuq il-post fil-pajjiżi terzi kollha, inklużi l-importazzjonijiet tal-ikel li ġejjin mill-pajjiżi tal-Mercosur. Il-Kummissjoni se żżid l-awditi tagħha relatati mal-esportazzjoni f'pajjiżi mhux tal-UE b'50 % matul is-sentejn li ġejjin, li jibdew mill-1 ta' Jannar 2026. Il-Kummissjoni se żżid ukoll il-monitoraġġ tal-komoditajiet u tal-pajjiżi mhux konformi u tadatta l-frekwenza tal-kontrolli għal dawn kif xieraq. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se ssaħħaħ il-livell ta' kontrolli fl-UE, jiġifieri fil-punti tad-dħul ewlenin. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni se twettaq għadd akbar ta' kontrolli fl-Istati Membri, biex tiżgura li l-kontrolli fil-fruntieri jikkonformaw bis-sħiħ mal-istandards tal-UE, filwaqt li tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri biex iwettqu kif suppost dawn il-kontrolli. Il-Kummissjoni se tistabbilixxi Task Force dedikata tal-UE biex il-kontrolli tal-importazzjoni jsiru aktar effiċjenti, li se tiffoka b'mod partikolari fuq ir-residwi ta' pestiċidi, is-sikurezza tal-ikel u tal-għalf u l-benesseri tal-annimali, u se tikkunsidra azzjoni ta' monitoraġġ koordinata tal-UE dwar il-prodotti importati.

DIKJARAZZJONI MIL-LATVJA

Il-Latvja tappoġġa r-Regolament li jimplementa l-klawżoli ta' salvagwardja bilaterali tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-UE u l-Mercosur u l-Ftehim Kummerċjali Interim bejn l-UE u l-Mercosur għal prodotti agrikoli. Il-Latvja tilqa' l-applikazzjoni proviżorja rapida tal-ftehim bejn l-UE u l-Mercosur, u tqisu bħala pass importanti biex jissaħħu l-interessi tad-diversifikazzjoni tal-kummerċ tal-UE.

Madankollu, il-Latvja tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li t-tħassib espress mill-bdiewa tal-UE dwar ir-riskji possibbli kkawżati mill-ftehim bejn l-UE u l-Mercosur irid jittieħed bis-serjetà. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-miżuri ta' salvagwardja jiġu applikati b'mod effettiv u mingħajr dewmien u li jkun hemm fis-seħħ strumenti xierqa biex jipprovdu appoġġ immedjat lill-bdiewa li qed jiffaċċaw tfixkil fis-swieq agrikoli. Dan huwa partikolarment importanti jekk, bħala riżultat tal-ftehim, l-importazzjonijiet mill-Mercosur jikkawżaw diffikultajiet (dannu serju) lill-produtturi agrikoli madwar l-UE jew fi Stat Membru wieħed jew aktar, inkluż minħabba telf mis-sehem tas-suq jew tnaqqis fl-introjt jew fil-prezzijiet.

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

Minħabba s-sensittivitajiet sinifikanti assoċjati mal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-UE u l-Mercosur u l-Ftehim Kummerċjali Interim, l-Ungerija tqis li huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri li jiggwarantixxu l-implimentazzjoni f'waqtha u effettiva tal-miżuri ta' salvagwardja għall-prodotti agrikoli. Madankollu, il-proposta tal-Kummissjoni li timplimenta l-klawżola ta' salvagwardja bilaterali tal-Ftehim bejn l-UE u l-Mercosur ma tipprovdux biżżejjed protezzjoni għal Stati Membri iżgħar, inkluż l-Ungerija.

Ir-regolament propost ma jinkludix il-possibbiltà li jiġi indirizzat it-tfixkil fis-suq fil-livell reġjonali, peress li l-Kummissjoni ser teżamina l-eżistenza ta' dannu serju jew it-theddida tiegħu fil-livell tal-UE biss. Dan joħloq sitwazzjoni fejn l-Istati Membri bi swieq iżgħar, inkluż l-Ungerija, mhux ser ikunu jistgħu jinfurzaw id-drittijiet tagħhom skont ir-regolament.

Il-klawżola ta' salvagwardja bilaterali inkluża fil-Ftehim bejn l-UE u l-Mercosur u fir-regolament propost, fiha nfisha ma tipprovdux protezzjoni adegwata kontra importazzjonijiet orħos mill-pajjiżi tal-Mercosur, u għalhekk huma meħtieġa garanziji addizzjonali.

L-Ungerija għamlet diversi proposti biex ittejjeb l-effettività tar-regolament, madankollu dawn il-proposti ma ġewx ikkunsidrati.

Peress li r-regolament propost ma jindirizzax it-tħassib tagħna fir-rigward tal-Ftehim bejn l-UE u l-Mercosur u ma jipprovdux protezzjoni adegwata għas-settur agrikolu tagħna, l-Ungerija ma tistax tappoġġa l-adozzjoni tar-regolament mingħajr modifiki.

Dwar il-punt "A" Emenda fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima
nru 6: Adozzjoni tal-att leġislativ

DIKJARAZZJONI MINN FRANZA

Franza tappoġġa l-ftehim proviżorju li ntlaħaq fit-trilogu tal-10 ta' Diċembru 2025 dwar ir-reviżjoni tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima, li jirrifletti l-prijoritajiet Franċiżi dwar l-ambizzjoni klimatika u l-kompetittività Ewropea u jibqa' kompletament konformi mal-ftehim li ntlaħaq fil-Kunsill mill-Ministri għall-Ambjent fil-5 ta' Novembru 2025.

Hija laqgħet dan il-pass kbir 'il quddiem għall-politika Ewropea dwar il-klima.

Madankollu, Franza tiġbed l-attenzjoni għal punt wieħed li jikkonċerna s-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS). F'dan ir-rigward, hija fakkret fl-importanza, diġà enfasizzata f'dawn l-aħħar xhur matul in-negozjati, li jiġu protetti l-integrità u l-effettività tal-ETS billi jiġi eskluż l-użu ta' krediti internazzjonali fil-kuntest tal-konformità fis-sistema ta' skambju. Għalhekk, tkun milqugħa kwalunkwe kjarifika f'dan ir-rigward.

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

L-Ungerija ma tistax tappoġġa l-mira ta' tnaqqis ta' 90 % tal-emissjonijiet netti, għalhekk ma nistgħux nappoġġaw l-adozzjoni tal-leġislazzjoni. Tali livell ta' ambizzjoni mhux kompatibbli mal-objettiv li jissaħħu l-kompetittività u r-reżiljenza ekonomika tal-Ewropa. Mingħajr kundizzjonijiet abilitanti realistiċi u effettivi, hemm riskju serju li l-kumpaniji Ewropej jirrilokaw il-produzzjoni u l-emissjonijiet tagħhom barra mill-Unjoni, u dan iwassal għal deindustrijalizzazzjoni, telf ta' impjegi u dipendenza akbar fuq atturi esterni, filwaqt li fl-istess ħin idgħajjef l-isforzi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet.

Il-proposta mhijiex mirfuda minn valutazzjoni tal-impatt aġġornata li tirrifletti l-iżviluppi ġeopolitiċi u ekonomiċi ewlenin reċenti. Ma ġiet ippreżentata l-ebda analiżi fil-livell tal-Istati Membri, li jfisser li l-impatti differenzjati fuq l-Istati Membri għadhom mhux magħrufa. Għalhekk, is-sitwazzjoni hija simili għall-adozzjoni tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", l-ekonomija Ewropea jeħtieġ li tadatta għall-miżuri klimatiki, u mhux viċi versa.

Għalkemm aħna nappoġġaw l-ambizzjoni klimatika, nappellaw għal approċċ prammatiku realistiku u nemmnu li l-għażla għaqlija tkun li nibdew minn mira aktar baxxa, li tirrifletti r-realtajiet ekonomiċi tagħna. L-impenn tagħna lejn l-ambizzjoni jintwera wkoll mill-kisbiet tagħna, l-Ungerija diġà kisbet tnaqqis ta' 48 % fl-emissjonijiet netti meta mqabbla mal-1990, ferm ogħla mill-medja tal-UE. Fl-istess ħin, għadd ta' Stati Membri ma għamlux progress komparabbli, u dan qajjem il-kwistjoni dwar kif il-mira kollettiva tista' tintlaħaq b'mod ġust u bbilanċjat. Aħna lkoll responsabbli għaċ-ċittadini tagħna. F'dak is-sens inħeġġu li l-Istati Membri li bil-voti tagħhom ġibdu l-attenzjoni tal-Kunsill għan-nuqqas ta' fattibbiltà tal-mira ta' 90 % ma għandhomx jinżammu responsabbli jekk eventwalment ma tintlaħaqx il-mira tal-UE għall-2040. Kisbiet bikrija għandhom jiġu rikonoxxuti kif xieraq fil-qafas li jmiss.

Barra minn hekk, minħabba l-inċertezzi sinifikanti fis-settur tal-LULUCF u r-rata ta' użu tal-assorbimenti teknoloġiċi tal-karbonju, mhuwiex xieraq li l-mira vinkolanti ta' tnaqqis nett tal-emissjonijiet tiġi bbażata fuq suppożizzjonijiet dwar il-bjar.

Għalkemm ninnutaw xi titjib fit-test ta' kompromess, partikolarment dwar il-klawżola ta' reviżjoni/rieżami, dawn il-bidliet għadhom mhumiex biżżejjed. Għad hemm ħafna mistoqsijiet miftuħa dwar il-metodoloġija, l-implimentazzjoni u r-robustezza tal-qafas.

Barra minn hekk, miżuri bħall-ETS2 huma mistennija li jaggravaw is-sitwazzjoni billi jżidu l-ispejjeż għall-unitajiet domestiċi u għan-negozji ż-żgħar, jirriskjaw rigressjoni soċjali u jnaqqsu l-appoġġ pubbliku għall-politika dwar il-klima, filwaqt li ma jwasslux għal tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet. Għalkemm napprezzaw il-posponiment tal-introduzzjoni tal-ETS2 b'sena, dan ma jnaqqasx l-impatti negattivi sinifikanti li toħloq fuq l-unitajiet domestiċi u n-negozji ż-żgħar tagħna. Ser ikunu meħtieġa aktar aġġustamenti fir-rieżami li jmiss tal-ETS.

Fl-aħħar nett, jiddispjaċina li n-negozjati ta' fajl fundamentali bħal dan twettqu taħt pressjoni konsiderevoli ta' żmien, li mhijiex xierqa għal deċiżjoni ta' importanza strateġika dejjiema bħal din. Huwa meħtieġ approċċ bilanċjat, ibbażat fuq l-evidenza u kredibbli biex jiżgura li l-qafas tal-2040 jibqa' realistiku, soċjalment aċċettabbli u konsistenti mal-oġettivi tal-kompetittività tal-Ewropa.

DIKJARAZZJONI MINN MALTA

Malta tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għall-għanijiet klimatiċi kollettivi tal-Unjoni. Madankollu, l-implimentazzjoni tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima trid tirrifletti realtà fundamentali: il-kuntest ġeografiku uniku tagħna u l-punt tat-tluq tagħna li diġà għandu emissjonijiet baxxi.

Malta ssostni li l-Liġi dwar il-Klima għandha tiddistingwi r-realtajiet speċifiċi tal-Istati Membri Gżejjer biex tiżgura li l-miri klimatiċi futuri jibqgħu ġusti, proporzjonati u konsistenti mal-impenn tal-UE għal Tranżizzjoni Ġusta.

Bħala nazzjon gżira żgħir, l-istatus tagħna mhuwiex ostaklu temporanju iżda realtà strutturali permanenti li tiddetta l-kapaċità tagħna li niddekarbonizzaw, spiss b'pass differenti mill-Ewropa kontinentali.

Sabiex nirnexxu, kwalunkwe qafas għal wara l-2030 irid ikun ibbażat fuq valutazzjonijiet tal-impatt robusti u lokalizzati fil-livell tal-Istati Membri li jirrikonoxxu dawn il-punti tat-tluq differenzjati. Mingħajr approċċ ikkalibrat li jirrispetta l-ispeċifitàjiet nazzjonali, b'mod partikolari d-dipendenza ta' Malta fuq l-avjazzjoni u t-tbaħħir, fejn l-emissjonijiet huma fil-biċċa l-kbira internazzjonali iżda l-kostijiet u l-pressjonijiet ta' konformità li jirriżultaw jinħassu fuq livell domestiku, hemm ir-riskju li l-allokazzjoni tal-isforzi tinqata' minn potenzjal ġenwin ta' tnaqqis. Distakk bħal dan joħloq piż li la huwa kosteffettiv u lanqas ekwu.

Malta tilqa' l-enfasi tal-Liġi dwar il-Klima fuq il-flessibbiltà, li trid isservi bħala s-sinistra operazzjonali tal-qafas għall-2040 aktar milli sempliċi kunċett teoretiku. Għall-istati gżejjer żgħar, il-flessibbiltà hija l-pont essenzjali bejn ambizzjoni għolja u fattibbiltà Prattika. Neħtieġu perkors kredibbli li jimmaniġġja b'mod effettiv l-elementi sovrapposti bejn l-istrumenti regolatorji biex jiġi evitat piż kumulattiv fuq l-istess setturi ewlenin.

Fl-aħħar nett, kontribuzzjoni ġusta teħtieġ aċċess ekwu għall-finanzjament. Billi l-istrumenti finanzjarji attwali tal-UE spiss jiffavorixxu infrastruttura fuq skala kbira, swieq żgħar u proġetti fuq skala iżgħar jitħallew fi żvantaġġ strutturali. Malta tappella għal mekkaniżmi ta' finanzjament imfassla apposta li huma tassew aċċessibbli għall-ekonomiji tal-gżejjer żgħar, filwaqt li jiżguraw li t-tranżizzjoni tagħna tkun appoġġata minn investiment adattat għall-iskala tagħna.

DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA

Il-Polonja tilqa' l-elementi introdotti fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima matul in-negozjati fuq talba tagħna. Ħafna proposti Pollakki ġew inklużi fit-test finali tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima, li jippermetti tfassil tal-mira għall-2040 li hija inqas ta' piż għall-ekonomija. B'mod partikolari, aħna nivvalutaw b'mod pożittiv:

- **il-posponiment tat-tnedija tal-ETS2**, li aħna nqisu bħala strument mhux meħtieġ għal Stati Membri bħall-Polonja, li diġà qed jiddekarbonizzaw b'mod effettiv is-setturi tal-bini u tat-trasport permezz ta' politiki nazzjonali mfassla apposta għall-isfidi u r-realtajiet lokali. Iż-żmien addizzjonali, ikkomplementat mir-rilaxx aktar bikri tal-fondi mill-Fond Soċjali għall-Klima, huwa allinjat mal-approċċ bil-provi tal-Polonja, li jippromwovi t-tnaqqis tal-emissjonijiet b'mod soċjalment aċċettabbli, abbażi ta' inċentivi aktar milli penali fil-livell nazzjonali.

- **I-introduzzjoni ta' klawżoli ta' rieżami b'saħħithom**, li toħloq rabta ċara bejn il-livell ta' ambizzjoni klimatika u s-sitwazzjoni tal-industrija Ewropea, is-sigurtà tal-enerġija, u l-ambjent ġeopolitiku li qed jinbidel malajr.
- **il-possibbiltà li jintużaw sa 10 % tal-kumpensi internazzjonali** biex tintlaħaq il-mira tal-UE għall-2040, li tikkostitwixxi strument importanti ta' flessibbiltà fil-kostijiet, b'mod partikolari għas-setturi industrijali tradizzjonali li jiffaċċaw kostijiet għoljin tal-ETS. Il-Polonja tilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea li tippermetti l-użu ta' tali kumpensi fi ħdan l-EU ETS.
- **it-tħabbira li jitnaqqsu l-piżijiet klimatiċi għall-industrija tad-difiża strateġika**, li għandha l-għan li żżomm il-kapaċitajiet tal-produzzjoni tagħha b'mod kosteffettiv fl-ambitu tal-inċertezza ġeopolitika għolja attwali u t-theddida diretta mir-Russja.

Fl-istess ħin, il-Polonja tenfasizza li d-domanda ewlenija tagħna, jiġifieri l-aġġustament tal-livell ġenerali ta' ambizzjoni għall-kapaċitajiet reali tal-ekonomiji tal-UE, ma ġietx sodisfatta. Fil-fehma tagħna, mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' 90 % sal-2040 fl-Unjoni Ewropea hija impossibbli li tinkiseb mingħajr ma timmina serjament il-kompetittività tas-setturi industrijali strateġiċi tal-UE, jew saħansitra twassal għall-eliminazzjoni sħiħa tagħhom. Dan jinvolvi konsegwenzi għas-sigurtà, it-tkabbir ekonomiku, u s-suq tax-xogħol. Il-Polonja ma tistax tappoġġa livell ta' ambizzjoni li jagħmel ħsara kemm lill-ekonomija Pollakka kif ukoll lil dik tal-UE u jimmina l-kompetittività tagħna fix-xena dinjija.

Il-Polonja ser tkompli timpenja ruħha b'mod attiv u kostruttiv fl-istadji li jmiss tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar il-qafas ta' politika tal-UE dwar il-klima għal wara l-2030, filwaqt li taħdem mill-qrib mal-Istati Membri li jaqsmu l-prijoritajiet tagħna. L-għan tagħna jibqa' li niżguraw li t-tranżizzjoni tkun soċjalment aċċettabbli u ġusta, filwaqt li ġenwinament insaħħu l-kompetittività, is-sigurtà u r-reżiljenza tal-ekonomija Ewropea.

DIKJARAZZJONI MILL-FINLANDJA

Il-Finlandja tappoġġa l-kompromess finali dwar l-emenda tal-liġi Ewropea dwar il-klima. Il-Finlandja tappoġġa wkoll bil-qawwa l-mira klimatika intermedja fil-livell tal-UE għall-2040 ta' tnaqqis ta' 90% tal-emissjonijiet netti, li ttiprovdi ċertezza tal-investment fit-tul għan-negozji tagħna. It-tranżizzjoni nadifa għan-newtralità klimatika sal-2050 hija opportunità għall-innovazzjoni u t-tkabbir ekonomiku.

Il-mira ta' tnaqqis ta' 90% tal-emissjonijiet netti jeħtieġ li tiġi implimentata permezz ta' qafas leġiżlattiv ċar, effettiv u kosteffiċjenti għal wara l-2030.

Għal dan l-għan, il-Finlandja hija tal-fehma li l-krediti internazzjonali skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Pariġi ma għandhomx jintużaw għall-konformità mal-ETS. L-EU ETS jeħtieġ li tidderieġi t-tnaqqis tal-emissjonijiet u l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet tekniċi li jixprunaw aktar tnaqqis fl-emissjonijiet, bħal bjar tekniċi, fl-UE. Il-possibbiltà li jintużaw il-krediti tal-Artikolu 6 għall-konformità fl-EU ETS tista' xxekkel il-kisba ta' dawn l-għanijiet.

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

Il-Kummissjoni tfakkar li d-dritt ta' inizjattiva mogħti lilha skont it-Trattati jinkludi d-dritt li tiddeċiedi jekk tippreżentax proposta leġiżlattiva jew le u, skont il-każ, li tiddetermina s-suġġett, l-objettiv, il-kontenut u l-iskeda ta' żmien ta' tali proposta u/jew azzjoni relatata. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament li jitolbu lill-Kummissjoni tħejji proposti għandhom għalhekk jinftiehm u bħala li huma mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' inizjattiva tal-Kummissjoni skont it-Trattati.